Frar 2014

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

## IL-KUNSILL LOKALI TAN-NADUR

# IGAWDI MINN FONDI EWROPEJ

### Fondi għal Wied Binġemma u Pjazza San Pietru u San Pawl

Il-Kunsill Lokali issottometta tliet applikazzjonjiet biex jieħu fondi mill-Programm tal-Iżvilupp Rurali tal-Unjoni Ewropeja għas-snin 2007-2013 u rnexxielna nirbħu u nassiguraw fondi sabiex inwettqu żewġ proġetti, filwaqt li qed nistennew risposta fuq it-tielet wieħed. Is-sejħa għall-proġetti kienet imnedija mill-fondazzjoni *Gozo Action Group*.

L-ewwel proġett li ġie aċċettat huwa fil-programm imsejjaħ *'Infrastruttura relatata mal-Iżvilupp u l-Adattament tal-Agrikultura (Miżura 125)'* - minn dan il-programm il-Kunsill akkwista fondi sabiex parti sew minn Triq Wied Binġemma tingħata wiċċ ġdid. Dan ser isir sabiex ikun hemm aċċess aħjar għall-bdiewa u l-ażjendi agrikoli tagħhom. Minn dan il-fond akkwistajna €30,000 u ninsabu fl-istadju li noħorġu t-*tenders* sabiex jibda x-xogħol. M'hemmx dubju li dan ser jgħin mhux ftit biex Wied Binġemma jkun ferm aktar aċċessibbli speċjalment għal bdiewa u dawk kollha li jużaw dan il-wied mill-isbaħ għall-mixjiet tagħhom. It-tieni proġett sottomess mill-Kunsill tan-Nadur u li ġie aċċettat huwa taħt is-sejħa *'Inkoraġġiment ta' Attivitajiet Turistiċi (Miżura 313)'* - bil-fondi li assigurajna minn dan il-fond, li jammontaw għall €60,000 ser nagħtu bidu għall-ewwel parti tal-proġett ta' Pjazza San Pietru u San Pawl. Dan huwa proġett mill-aktar importanti biex nagħtu dehra ġdida lill-Pjazza ewlenija tagħna. Dawn il-fondi ser jgħinu biex nagħmlu l-ewwel fażi tal-proġett. It-tielet applikazzjoni saret taħt il-programm *'Kwalita' ta' Ħajja Aħjar (Miżura 410)'*. Din l-applikazzjoni għadha pendenti u saret sabiex nakwistaw fondi biex jiġi rranġat ix-xelter ta' taħt il-Pjazza. Dan sabiex isir *upgrading* tiegħu u jkun jista' jiġi użat mill-pubbliku u jitgawda mit-turisti li jżuruna. Jekk nikkonfermaw dawn il-fondi ser issir sistema ta' dawl u passaġġi sabiex wieħed ikun jista' jimxi u japprezza dan il-post mingħajr ma ssir ħsara u b'sistema tajba ta' ventilazzjoni tal-arja.

Il-Kunsill tan-Nadur kien pijunier fl-akkwist ta' fondi tal-Unjoni Ewropeja u l-għan tagħna hu li nkomplu napplikaw għal aktar proġetti u inizjattivi fis-sejħiet li joħorġu.



## KXIF TA' MONUMENT AD UNUR

# BRYAN PORTELLI

**Diskors tas-Sindku Charles Said fl-okkazzjoni tal-inawgurazzjoni xogħol l-artista Hermine Anne Sammut, il-Ħadd 3 ta' Novembru 2013.**

Fost l-isbaħ valuri li bihom huwa mogħni l-bniedem hemm il-valur tar-rikonoxximent u tal-gratitudni … il-valur li jżomm ħajja l-memorja ta' dawk li jħoss li għandhom jibqgħu mfakkra … ta' dawk li jħoss li f'ħajjithom taw eżempju ta' sens komunitarju u ċiviku qawwi, ta' dawk li jistgħu jservu ta' mudell għal nies oħra li jiġu warajhom.

Kien dan il-ħsieb tal-Kunsill Lokali tan-Nadur meta ddeċieda li jfakkar il-memorja ta' Bryan Portelli b'monument. Monument li jirrappreżenta valuri li Bryan ħaddan u ħadem għalihom. Monument li se jibqa' għal dejjem ifakkarna f'żagħżugħ Naduri li mhux biss ħassu parti mill-komunità tagħna iżda li għaliha kkontribwixxa sal-aħħar. U li kkontribwixxa b'ferħ u bi tbissima. Mingħajr ebda sens ta' obbligu iżda b'sens ta' pjaċir u ferħ ġenwin. Żagħżugħ li għaraf li l-lokalità kienet tatu ħafna u xtaq li jagħtiha lura dak li ħass li seta' jagħtiha – l-entużjażmu tiegħu għall-festa tar-raħal, it-talent tiegħu fil-ħolqien tal-logħob tan-nar, il-ferħ tiegħu għal dak kollu li matul is-sena jferraħ lin-Nadurin u l-kburija li ħass dejjem għal dak kollu li hu Naduri.

Il-valuri ta' Bryan huma l-istess valuri li ħaddnu dawk li għamlu lin-Nadur il-lokalità sabiħa li għandna llum. Huma dawk il-valuri li ħaddnu niesna meta ddeċidew li fil-qalba tagħha jibnu knisja monumentali li tagħmilhom kburin u li tagħti ġieħ lil San Pietru u lil San Pawl. Huma dawk il-valuri



li ħaddnu niesna meta waqqfu l-komunitajiet li llum jagħmlu lin-Nadur benniena ta' attività u ta' talent matul is-sena. Dawk iż-żgħażagħ li ħaddmu biex waqqfu l-klabb tal-futbol tan-Nadur Youngsters; dawk iż-żgħażagħ li ħolmu u b'ħafna sagrifiċċji waqqfu l-Banda Mnarja; dawk iż-żgħażagħ li b'entużjażmu żejnu għal ġenerazzjonijiet sħaħ it-toroq tagħna biex ikunu l-għira tad-dilettanti kollha tal-armar fil-pajjiż; dawk iż-żgħażagħ li żammew ħajja – matul is-snin – iċ-ċentru parrokkjali, il-Mużew, l-għaqdiet filantropiċi, kulturali u soċjali.

Dan huwa monument għal Bryan, li fil-ħajja qasira li qatta' magħna tana eżempju ta' żagħżugħ altruwist li ried jikkontribwixxi. Li għaraf li n-Nadur ma kienx biss il-post fejn inzertaw qed jgħixu l-ġenituri tiegħu meta twieled iżda kien ferm aktar minn hekk. Kien parti essenzjali minnu, parti minn dellu, li kien ikaxkar miegħu kull fejn imur. In-Nadur kien il-post li kien iġib tbissima fuq fomm Bryan u li kien jentużjażmah biex ixammar il-kmien u jaħdem, ħafna drabi fis-silenzju matul is-sena, biex il-lokalità tagħna timxi 'l quddiem.

Iżda dan mhuwiex biss monument għal Bryan. Dan hu wkoll monument għall-altruwiżmu, monument għas-sens ċiviku, monument għall-entużjażmu, monument għat-tbissima ġenwina, monument għas-simpatija, monument għall-ħbiberija, monument għall-ġenerożità … monument għal dawk il-valuri li Bryan ħaddan u li għalihom se jibqa' mfakkar.

Bryan ħalliena iżda jibqa' jgħix fi qlubna u fil-memorja tagħna. B'dan il-monument il-Kunsill Lokali tan-Nadur xtaq li isem Bryan ma jintesa qatt. Dan il-monument se jfakkar lill-ġenerazzjonijiet sħaħ ta' tfal u żgħażagħ li n-Nadur jibqa' għal dejjem grat għal dawk li jaħdmu, bla heda, biex jagħtuh lura ftit minn dak li jkun tahom.

L-okkażjoni tal-lum hija okkażjoni ta' ferħ. Hija okkażjoni fejn, bħala komunità, qegħdin infakkru u nagħtu ġieħ lil wieħed minna, li ħalliena kmieni iżda li l-memorja tiegħu tibqa' magħna għal dejjem.

# JUM IL-KUNSILL
# NOVEMBRU 2013



Quddiesa ta' Radd il-Ħajr



Premju Ġieħ in-Nadur: Salvina Buttigieg



Blood Donation



Wirja fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali



Re-enactment:
Battlefront Living History




Wirja ta' Vetturi
Antiki u Militari



Ftuħ ta' Day Centre
għall-Anzjani



Intervista ma'
Fr. Charles Vella



Open Market fil-Pjazza



Tiżjin fit-Toroq





Presepju Ħaj

# MILIED FIN-NADUR
## DIĊEMBRU 2013



Festo Christi Natalicio
Wirja ta' Arti Sagra






Big Friends
Guggen Musik Band

Delicata Classic
Wine Festival 2014

NADUR, GOZO
29, 30, 31 AUG



# Carmel Mifsud *(Il-Pajpoj)*

Għal xogħol ta' bini, taħmil, excavations, konkos, kiri ta' crane u kumprassur.
Flats u Garaxxijiet għall-bejgħ






18, Triq San Ġakbu, Nadur
Tel: 2156 2980
Mob: 9942 2173

## Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jirringrazzja lil dawn l-isponsors tal-għajnuna tagħhom

www.visitMALTA.com

Zomm in-nadur Nadif

**SERVIZZ TA' BULKY REFUSE**
Kull nhar ta' Tnejn. Ċempel l-uffiċini tal-Kunsill u jinġabar b'xejn minn wara l-bieb tad-dar tagħkom.

# Karnival 2014

Il-Karnival organizzat tal-Ħadd f'nofsinhar ser isir il-**Ħadd 23 ta' Frar** fi Pjazza San Pietru u San Pawl. L-isfilata titlaq minn Triq Diċembru Tlettax bil-parteċipanti kollha mal-baned mistiedna. Dan ser ikun preżentat minn Joe Demicoli bis-sehem tal-Banda Mnarja, il-*Big Friends Guggen Musik*, diversi kumpaniji taż-żfin Maltin u Għawdxin, kostumi, kumpanija *hilarious*, maskeruni, karratri ta' *Disney*, karrijiet u l-Kukkanja. It-trofew tal-parteċipanti ta' din is-sena gie maħdum mill-artist Naduri Charlie Camilleri filwaqt li l-*logo* u l-*poster* ġew magħmula minn Paul Portelli.

Iżda fil-Karnival tan-Nadur jispikka dak tradizzjonali u spontanju li jsir fil-Pjazza u Triq Diċembru Tlettax kull filgħaxija wara nżul ix-xemx mill-**Ġimgħa 28 ta' Frar sat-Tlieta 4 ta' Marzu**. Din hi attrazzjoni fil-gżejjer tagħna li żammet ċerti ritwali kulturali u soċjali ħajjin u li tagħmel il-Karnival tan-Nadur differenti minn kull Karnival ieħor. Il-Karnival tas-Sibt bil-lejl, ser jiġi trasmess *Live* għall-ewwel darba fuq wieħed mill-istazzjonjiet lokali. It-Tnejn filgħaxija ser ikollna grupp minn Notting Hill, Londra li ser jagħmel *show* fid-9pm fi Pjazza San Pietru u San Pawl.

Il-Kunsill Lokali jappella lil kulħadd sabiex fil-Karnival ta' bil-lejl jiġu rrispettati l-liġijiet tal-pajjiż, kif ukoll biex ħadd ma joffendi l-moralita' pubblika. Nappellaw ukoll sabiex jittieħdu l-prekawzjonjiet kollha biex ma jiġrux inċidenti.

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lill-membri kollha tas-sotto kumitat organizzattiv fi ħdan il-Kunsill, lill-parteċipanti u lill-mexxejja tal-gruppi, lill-maskarati kollha li jieħdu sehem fil-Karnival Spontanju ta' filgħaxija u lill-i*sponsors* kollha tal-għajnuna finanzjarja sabiex inkopru parti mill-ispejjeż.



# Xogħlijiet madwar in-Nadur



Bħal kull raħal ieħor, in-Nadur ikollu bżonn xogħlijiet varji minn jum għal ieħor. Dawn isiru mingħajr ħafna daqq ta' trombi u ħafna jeħduhom *for granted*. Dawn jinkludu, bini ta' ħitan u ċnut imwaqqgħa, knis u tindif tar-raħal kollu, żbir ta' siġar f'diversi nħawi, tindif ta' *culverts*, bini u rranġar ta' bankini, tindif u manutenzjoni tal-ġonna u *playing fields*, żebgħa ta' sinjali tat-traffiku, tabelli tat-traffiku ġodda, manutenzjoni tal-i*street lighting*, ġbir ta' skart domestiku u *bulky refuse*, *bring-in* sites, manteniment ta' latrini pubbliċi, qtugħ ta' ħaxix, tiswija ta' toroq u tant oħrajn. Dawn kollha huma essenzjali għal żamma sabiħa tan-Nadur. Ma jonqosx minn żmien għal żmien atti ta' vandaliżmu, li minn hawn nikkundannawhom bla riservi.

Dawn u ferm aktar huma xogħlijiet li jsiru kuljum mill-ħaddiema u kuntratturi tal-Kunsill. Għalkemm il-Kunsill, ma joqgħodx lura milli jara li dan ix-xogħol isir u jsir sew, wieħed irid wkoll juri l-apprezzament tiegħu għal dan ix-xogħol li ħafna drabi huwa ftit li xejn apprezzat.



Siġar ġodda f'Ta' Xurdin



Xogħol fit-tinda tal-pitch tal-boċċi f'San Blas

**Zomm in-nadur Nadif**

Il-borża tal-iskart domestiku għandha tinżamm
**BISS QUDDIEM IL-BIEB TAR-RESIDENZA TAGĦNA U MHUX MINN FILGĦAXIJA!**

# Avviżi

## Ambaxxatur taż-Żgħażagħ



Fis-7 ta' Novembru b'vot unanimu il-Kunsill approva il-ħatra ta' Nicholas Haber sabiex jokkupa l-kariga ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ għall-Lokalita' tagħna. Ir-rwol tiegħu ser ikun li jwassal il-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalita' tagħna. Huwa għandu d-dritt jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill bil-jedd li jista' jieħu sehem fid-diskussjoni. Nicholas għandu 17 -il sena u jinteressa ruħu fil-qasam taż-żgħażagħ u għandu esperjenzi fi proġetti taż-żgħażagħ anke fuq sfond Ewropew.

## Keep Fit Classes

Il-Kunsill qed jorganizza minn żmien għal żmien *keep fit classes*. Fil-preżent qed jiġu organizzatti 4 sessjonijiet fil-ġimgħa ta' siegħa l-waħda. Dawn huma *General Fitness*, *Pilates Yoga*, *Aerobics to Music* u *Hard Rock Abs*. Dawn qed isiru minn Jen u Angelo Bonello u Radu.

Waħda minn dawn il-klassijiet hija għall-ewwel darba tal-irġiel. Kull min huwa mħajjar li jattendi xi wieħed minn dawn il-korsijiet għandu jinkiteb il-Kunsill. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel wkoll l-uffiċċju tal-Kunsill fuq 2155 8080.

## Qrib ir-Residenti

Dawk li jkunu jixtiequ jiltaqgħu mas-Sindku fl-uffiċċju tal-Kunsill u mingħajr stennija, jistgħu jagħmlu dan kull nhar ta' Tnejn, Tlieta u Ħamis mit-3 sal-5 ta' filgħaxija. Kull min ma jkunx jista' f'dawn il-ħinijiet għandu jċempel il-Kunsill u jagħti d-dettalji tiegħu sabiex jingħatalu appuntament.
**Email:** charles-frank.said@gov.mt
**Telefon:** 21558080 / 79562158

## Gbir ta' Skart

Il-Kunsill jixtieq jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha dwar is-sistema ta' ġbir ta' skart. Huwa mportanti li meta noħorgu l-iskart, dan inħalluh wara l-bieb tad-dar tagħna. Importanti li nhar ta' Tlieta tinħareġ biss il-borża l-griża. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lir-residenti biex jipparteċipaw fis-sistema ta' reċiklaġġ li għandna disponibbli 24 siegħa kuljum fil-*bring-in sites* f'Tal-Ħali, fi Triq it-Tiġrija u f' San Blas.

## Centri ta' matul il-Jum

L-anzjani tal-Lokalita' huma mħeġġa jattendu u jagħmlu użu minn dan is-servizz offrut mill-Kunsill, fejn ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin f'attivitajiet organizzati apposta għalihom. Dawn qed isiru fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu, nhar ta' Tlieta fis-Sala Parokkjali u nhar ta' Ħamis f'Dar Dun Franġisk Grima fi Triq it-Tiġrija.

KUNSILL LOKALI
NADUR

'14

# KARNIVAL TAN-NADUR

Coca-Cola

www.visitMALTA.com

FEBC

**23** ta' Frar
fin-12:30pm
**organizzat**

**28** ta' Frar - **4** ta' Marzu
**spontanju**
wara nżul ix-xemx